MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 699/2006

**Simon Despott**

**(I.D. No. 265772 (M))**

**vs**

***Corinthia Palace Hotel Company Ltd.***

**(C – 257)**

**Kif ukoll Patrick Busuttil f'isem u fl-interess ta'**

***Flight Catering Company Ltd.* u**

***Corinthia Group of Companies***

**ghal kull interess li jista` jkollhom**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-31 ta' Lulju, 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti impjega ruhhu mas-socjeta` intimata fl-1990;

1.2. Illi ma' l-imsemmija socjeta` intimata hu kellu l-posizzjoni ta' *"senior leading hand"* u xogholu kien jikkonsisti fli jerfgha oggetti tqal u kien espost ghal kesha tremenda;

1.3. Illi r-rikorrenti beda jbghati minn ugiegh f'dharu ghal nofs wiccu;

1.4. Illi dan l-ugiegh baqa` persistenti *nonostante* li kien regolarment jara tobba privatament u jmur l-isptar;

1.5. Illi t-tobba li ezaminawh qatt m'assumew li dan l-ugiegh kien rizultat tax-xoghol tieghu u f'nofs Lulju, 2002, kien certifikat li kien tajjeb ghax-xoghol mit-tabib tas-socjeta` intimata;

1.6. Illi *stante* li l-ugiegh baqa` persistenti, f'Ottubru/Novembru, 2002, ir-rikorrenti talab li jkun assenjat xoghol iehor;

1.7. Illi r-reazzjoni tas-socjeta` intimata kienet li tittermina l-impjieg tieghu;

1.8. Illi fl-2003 kien stabbilit li l-ugiegh tar-rikorrenti kien rizultat dirett tax-xoghol tieghu u kien ukoll dikjarat li mhux tajjeb ghax-xoghol;

1.9. Illi llum ir-rikorrenti ma jistax isib impjieg *stante* li l-kundizzjoni fizika tieghu hi hazina;

1.10. Illi l-kundizzjoni fizika tar-rikorrenti rizultat ta' l-istess impjieg tieghu hi wahda hazina b'mod permanenti;

1.11. Illi ta' dan tahti biss is-socjeta` intimata billi naqset li tiehu mizuri u prekawzjonijiet necessarji, inkluz li tipprovdi ilbies adegwat lir-rikorrenti, biex tigi evitata kull hsara fizika irreparabbli li qieghed ibati minnha;

1.12. Illi dan in-nuqqas tas-socjeta` intimata jmur ukoll kontra r-regolament u l-uzanzi fir-rigward, intizi biex jassiguraw is-sigurta` u s-sahha fuq il-post tax-xoghol;

1.13. Illi *nonostante* li debitament interpellata ghall-likwidazzjoni u hlas ta' dnni sofferti mir-rikorrenti, s-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, ghalkemm offriet somma irrizorja;

1.14. Illi ghalhekk ir-rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi unikament responsabbli ghad-dizabilita` permanenti sofferta mir-rikorrenti rizultat tax-xoghol lilhu assenjat;

1.14.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti rizultat tal-kundizzjonijiet hziena ta’ xoghol, nuqqas ta’ prevenzjoni, nuqqas ta’ fornitura t’ilbies preventiv, esposizzjoni kontinwa ghal temperatura baxxa, oltre kundizzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz anke permezz ta’ periti *nominandi*;

1.14.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.14.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi kif dedotti fl-istess rikors promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata *Corinthia Palace Hotel Company Limited* datata l-5 t’Ottubru, 2006, li permezz taghha sintetikament irrispondiet is-segwenti: (ara foll 18)

2.1. Illi preliminarjament jigu sollevati s-segwenti oggezzjonijiet:

2.1.1. Illi r-rikors guramentat promotur hu null u konsegwentement is-socjeta` intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2.1.2. Illi din it-talba preliminari indikata fil-paragrafu precedenti qed tigi intavolata *stante* li l-oggett tal-kawza mhux imfisser f’paragrafi enumerati separatament *ai termini* tal-artiklu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.1.3. Illi s-socjeta` intimata mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha wkoll tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez;

2.1.4. Illi din it-talba preliminari sussidjarja indikata fil-paragrafu precedenti qed tigi intavolata *stante* li m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti ghaliex mhux impjegat taghha izda ta' socjeta` terza;

2.2. Illi fil-mertu issosstni sintetikament is-segwenti:

2.2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2.2.2. Illi s-socjeta` intimata m'ikkawzatx danni lir-rikorrenti;

2.3. Illi mhux minnu li r-rikorrenti sofra d-danni kollha minnu allegati konsegwenza ta' xi att jew ammissjoni tas-socjeta` intimata;

2.4. Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2.5. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz;

3. Rat ir-risposta guramentata ta' Patrick Busuttil *nomine* datata wkoll il-5 t'Ottubru, 2006, li essenzjalment irriproduca *verbatim* ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata fuq riferita, li a skans ta' ripetizzjoni inutili u dilungar zejjed, mhux qed tigi hawn sintetikament riprodotta, (ara foll 24 u 25);

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-6 ta’ Frar, 2007, li permezz tieghu, fid-data hemm indikata (ara foll 26), il-kawza giet differita ghall-provi rigwardanti l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari, (ara foll 18), u ghall-provi rigwardanti l-ewwel tlett (3) eccezzjonijiet ta’ l-intimat Busuttil *nomine*, (ara foll 24);

5. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datata l-5 ta’ Dicembru, 2007, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab il-korrezzjonijiet hemm elenkati, u dan, *ai termini* ta’ l-artiklu 175(1) tal-Kap 12 fuq indikat, (ara foll 78);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-3 ta’ Gunju, 2008, (ara foll 77 u 94), fejn wara li ddekretat li rat ir-risposta ghar-rikors indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 87), laqghet it-talbiet kif dedotti u ordnat in-notifika tar-rikors guramentat kif korrett;

7. Rat id-digriet sussegwenti ta’ l-istess qorti kif diversament preseduta datat it-28 ta’ Gunju, 2008, (ara foll 120 u 123), li permezz tieghu, wara li ddikjarat li rat ir-rikors appozitu ta’ l-intimati, (ara foll 120), u r-risposta tar-rikorrenti, (ara foll 125), awtorizzat lill-intimati biex jappellaw mid-digriet taghha tat-3 ta’ Gunju, 2008, (ara paragrafu numru sitta, (6), aktar qabel);

8. Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fir-rigward datata l-1 ta’ Dicembru, 2008, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, cahdet l-appell inoltrat fir-rigward, bl-ispejjez *in solidum* kontra l-intimati appellanti, (ara foll 118);

9. Rat id-digriet taghha wkoll diversament preseduta datat l-10 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma` l-provi kollha, (ara foll 132);

10. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat it-13 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu iddekretat li l-inkartament kellu jigi depozitat fl-atti tal-procedura, (ara foll 197);

11. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant legali tal-kontendenti, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 375);

12. Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata t-22 t'April, 2014, flimkien mall-prospett ta' danni minnhu wkoll ipprezentat permezz ta' nota appozita datata s-26 ta' Frar, 2014, (ara foll 372);

13. Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-intimati *proprio et nomine* datata l-14 ta' Novembru, 2014, (ara foll 386);

14 Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentant legali tal-kontendenti, (ara foll 393);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi skont ir-rikorrenti, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

15.1. Illi originarjament ir-rikorrenti beda jahdem mas-socjeta` *Corinthia Flight Catering* fis-6 ta' Gunju, 1990, bhala impjegat kazwali ghas-sajf, (ara foll 69, 137 u 237);

15.2. Illi fl-1991, l-istess rikorrenti gie impjegat b’mod permanenti ma’ l-istess socjeta`, (ara foll 137);

15.3. Illi fl-1992 kien imlahhaq fil-grad ta’ *“Leading Hand”* wara applikazzjoni appozita, (ara foll 137);

15.4. Illi fl-1993 kien ukoll imlahhaq *“senior Leading Hand”*, (ara foll 137);

15.5. Illi fl-ahhar ta’ Frar tal-1998 ir-rikorrenti sofra minn ugiegh kbir f’dahru u kien kostrett jibqa` tlett (3) xhur bis-*“sick leave”*, (ara foll 137), u konsegwenza ta’ l-istess, l-ahhar xahar ghamlu minghajr paga, (ara foll 137);

15.6. Illi f’Gunju tal-1998 rega` irritorna ghax-xoghol ghalkemm kien ghadu jattendi l-isptar ghal xi testijiet medici, (ara foll 137);

15.7. Illi f’dan il-perjodu l-impjieg tar-rikorrenti kien jikkonsisti fis-segwenti: (ara foll 137)

15.7.1. Kien kostrett jitla` u jinzel diversi turgien t’ajruplani;

15.7.2. Kien ikollu jerfa` affarijiet tqal;

15.7.3. Kien jaghmel dan ix-xoghol minghajr apparat adegwat;

15.7.4. Kien jipprepara "dak kollu li jkollu bzonn l-ajruplan qabel it-titjira";

15.7.5. Kien kostrett jidhol u johrog minn *"fridge"* kbira li kellha temperatura ta' erbgha (4) gradi celcius, u minn ohra li kellha temperatura ta' *minus* ghoxrin (-20) grad, liema temperaturi kienu hafna drabi jikkontrastaw bi kbir mat-temperatura esterna;

15.8. Illi l-istess rikorrenti jsostni li qatt ma nghata tahrig fir-rigward, (ara foll 137);

15.9. Illi jsostni wkoll li qatt ma nghata ilbies protettiv biex jidhol fil-*"freezers"* in dizamina, (ara foll 137);

15.10. Illi kull ma kien inghata kien l-uzu ta' gakketta tal-*canvas* li kienet ghall-uzu komuni tal-haddiema kollha li kienu jidhlu fl-istess *"freezer"*, (ara foll 138);

15.11. Illi l-imsemmi rikorrenti jsostni li l-istess gakketta fuq riferita ma kienet ta' ebda uzu kontra l-bard u kienet aktar izzomm kesha milli tippreveniha, (ara foll 138);

15.12. Illi wara li r-rikorrenti kien inoltra ilment fir-rigward ma' l-Ufficjali responsabbli mis-sahha u mis-sigurta`, ingieb ilbies appozitu – fosthom *balaclava* u *overall suit*, u dan, ghal kull impjegat, (ara foll 138);

15.13. Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll mill-fatt li ma kienx jinghata *"rest periods"* necessarji, (ara foll 138);

15.14. Illi fiz-17 ta’ Mejju, 2002, ir-rikorrenti ddahhal l-isptar fejn gie operat, (ara foll 138), konsegwenza tal-fatt li kien jerfa` affarijiet tqal;

15.15. Illi seba` (7) gimghat wara l-imsemmija operazzjoni, r-rikorrenti kien medikament iccertifikat li kien idoneu ghax-xoghol;

15.16. Illi fit-18 ta’ Lulju, 2002, rega` kien kostrett jidhol l-isptar imhabba ugiegh kbir f’dahru, fejn dam rikoverat ghal ghaxart (10) ijiem, (ara foll 138);

15.17. Illi rrizulta li kien qed isofri minn *“Chronic Neuropatic Pain Syndrone”* f’dahru u fis-sistema nervuza centrali (ara foll 138);

15.18. Illi l-*General Manager* involut jidher li offra elf Lira Maltija, (Lm1,000.00), lir-rikorrenti biex jirrizenja mill-impjieg, liema offerta giet rifjutata, (ara foll 138), anke wara li zdiedet b’mitejn Lira Maltin, (Lm200.00) ohra, (ara foll 138);

15.19. Illi r-rikorrenti jsostni li informa lill-*General Manager* involut li xtaqt jigi assenjat xoghol iehor, (ara foll 139);

15.20. Illi din it-talba ma gietx milqugha, (ara foll 139);

15.21. Illi l-kundizzjoni f’dahar ir-rikorrenti baqghet tmur ghall-ghar, (ara foll 139);

15.22. Illi l-paga tar-rikorrenti twaqqfet fis-26 t’Ottubru, 2002, (ara foll 139);

15.23. Illi wara li kellem ir-rapprezentant tradejunjonistiku tieghu, kien infurmat li s-socjeta` li kienet timpjegah kienet ser ittieh elfejn w erba` mitt Lira Maltin (Lm2,400.00), biex jirrizenja, (ara foll 139);

15.24. Illi anke din l-offerta giet rifjutata mir-rikorrenti, (ara foll 139);

15.25. Illi fit-18 ta' Dicembru, 2002, intemm ufficjalment l-impjieg tar-rikorrenti minn mas-socjeta` *de quo*, (ara foll 139), u anke intalab jirritorna l-oggetti tal-kumpanija li hu kien ghad kellu ghandu, (ara foll 139);

15.26. Illi fl-2003 ir-rikorrenti kien certifikat bhala invalidu, (ara foll 139);

15.27. Illi rizultat ta' l-istess jirrizulta li r-rikorrenti jitla` bord kull tlett (3) snin biex jigi cerfitkat li ghadu f'kundizzjoni li ma jistax jahdem, (ara foll 139);

15.28. Illi skont l-espert mediku *ex parte* prodott mir-rikorrenti, l-istess rikorrenti gie certifikat li qed ibati minn dizabilita` permanenti ta' hamsa u hamsin fil-mija, (55%), (ara foll 220);

15.29. Illi *di piu`*, rizultat ta' l-istess, ir-rikorrenti jqatta` l-hin kollu tieghu d-dar, (ara foll 220);

15.30. Illi s-somma komplessiva f'danni li rizultat tas-suespost ir-rikorrenti qieghed jitlob tammonta ghal mija u tnejn u disghin elf u hames mitt Ewro, (€192,500.00), (ara foll 372);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi skont l-intimati l-fatti in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

16.1. Illi s-socjeta` involuta fil-mertu in dizamina hi s-socjeta` *Flight Catering Company Limited*, (ara foll 346);

16.2. Illi din is-socjeta` kienet tipprepara, issajjar u tippakkja l-ikel uzat fuq l-ajruplani fil-kcina taghha u wara dan kien jitpogga fil-friza (ara foll 346);

16.3. Illi finalment ix-xoghol ippreparat kien jintbghat fuq l-ajruplani, (ara foll 348);

16.4. Illi x-xoghol hekk ippreparat kien qabel jinzamm f'temperatura ta' tmintax (18) -il grad Celcius, u f' *"chillers"* fejn it-temperatura kienet t'erbgha (4) gradi Celcius, skont il-kaz, (ara foll 347);

16.5. Illi kien hemm ukoll area precedenti fejn it-temperatura kienet tkun ftit anqas, (ara foll 347);

16.6. Illi bhala protezzjoni ghall-impjegati li kien ikollhom jidhlu fl-imsemmija *freezers* is-socjeta` fuq riferita kienet tipprovdi kowtijiet adegwati li kienu wkoll jinkludu protezzjoni ghar-ras, (ara foll 347);

16.7. Illi dawn il-kowtijiet kienu jinghataw il-kura u l-attenzjoni dovuta, (ara foll 347);

16.8. Illi r-rikorrenti kien responsabbli ghal bejn hmistax (15) u ghoxrin (20) impjegat li lkoll kellhom l-istess responsabbiltajiet, fosthom anke li jittrasportaw l-ikel minn gol friza, (ara foll 347);

16.9. Illi f'daqqa wahda r-rikorrenti beda jilmenta minn xi ugiegh f'ghonqu u fl-ispalla, u nghata s-*"sick leave"*, (ara foll 348);

16.10. Illi wara li r-rikorrenti ha madwar disgha (9) xhur *"sick leave"*, is-socjeta` li kienet timpjegah kienet kostretta tittermina l-impjieg tieghu, (ara foll 348);

16.11. Illi fil-frattemp l-istess socjeta` rceviet informazzjoni li meta r-rikorrenti kien bis-s*"sick leave"*, hu kien qed imur bid-dghajsa jistad, (ara foll 348);

16.12. Illi rigward kwistjonijiet ta' sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol fejn kien impjegat ir-rikorrenti, jirrizulta li saret investigazzjoni fir-rigward, u fir-rapport konsegwenzjalment ghall-istess, hadd ma rrapporta irregolaritajiet, (ara foll 348);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi rigward l-informazzjoni li s-socjeta` *de quo* irceviet fuq ir-rikorrenti li waqt il-perjodu estremament twil tas-*“sick leave”* mehud mir-rikorrenti hu kien effettivament qieghed imur ghas-sajd b’xi dghajsa tieghu, jinghad sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi f’sit socjali fuq l-*internet* maghruf bhala “*Hi5”* instab profil appartenenti lir-rikorrenti, (ara foll 239);

17.2. Illi f’dan il-profil, li partijiet minnu gie pprezentat in atti, (ara foll 242 sa 344), jirrizulta li waqt li r-rikorrenti kien:

17.2.1. Bis-*“sick leave”*

17.2.2. Qieghed “il-hin kollu d-dar”, (ara foll 220), u

17.2.3. Ibghati b’dizabilita` permanenti ta’ hamsa u hamsin fil-mija, (55%), (ara foll 220), kien jidher li din kienet kollha *messainscena*;

17.3. Illi f’dan il-profil f’dan l-istess perjodu ta’ sofferenza kbira, l-istess rikorrenti jidher:

17.3.1. Imsiefer jiddeverti fl-Olanda, (ara foll 346 u 347);

17.3.2. F’Lampedusa jaghmel erbat ijiem sajd minn fuq dghajsa, (ara foll 255);

17.3.3. Jinforma lill kulhadd li kien fis-sakra, (ara foll 258);

17.3.4. Jaqbad pixxispad ta' daqs kospikwu ma habib tieghu (ara foll 260 u 265);

17.3.5. Izomm alonga imdaqsa minn denba b'id wahda, (ara foll 263 u 270);

17.3.6. Isostni li kien ghajjien wara erbat ijiem jiekol, jixrob u jistad, (ara foll 267 u 275);

17.3.7. Qieghed wiehed u ghoxrin mil il-boghod minn Malta fid-dghajsa tieghu b'alonga f'idejh, (ara foll 270);

17.3.8. Jaqbad *record* t'erbgha u ghoxrin alonga f'gurnata wahda, (ara foll 273);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi minn ezami tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi jezisti kuntrast kbir bejn dak allegat mir-rikorrenti li minhabba x-xoghol tieghu:

18.1.1. Qed ibghati b'dizabilita` permanenti ta' hamsa u

hamsin fil-mija, (55%); u

18.1.2. Hu kostrett jibqa` d-dar ma johrogx;

u dak rizultanti mill-profil fuq indikat fejn ir-rikorrenti jidher:

18.1.3. Jistad fl-eqqel tas-sajf ghal granet shah;

18.1.4. Jerfa` hut b'id wahda ta' piz kospikwu;

18.1.5. Jaqbad pixxispad kbir u jtellghu mill-bahar ma persuna ohra;

18.2. Illi tali kuntrast komportamentali ma jimmilitax favur ir-rikorrenti *stante* li id-divarju bejn dak li jsostni u dak li jirrizulta ppruvat minn kliemu stess u mir-ritratti li hu stess ippubblika fil-profil tieghu, hu vergognozament kontrastanti;

18.3. Illi *di piu`*, l-esperti medici *ex parte* jistqarru bil-gurament li ma kienux f'posizzjoni jghidu x'ikkawza l-ugiegh li r-rikorrenti kien qed jindikalhom, (ara foll 203 u 220), hi difficli tispjega, (ara foll 219), u l-aktar li tigri hi li tigi riskontrata wara incident, (ara foll 219);

18.4. Illi jigi sottolineat li r-rikorrenti ma irnexxilux jindika incident skatenanti kif indikat mill-espert *ex parte* minnu stess prodott;

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk din il-qorti mhix sodisfatta li r-rikorrenti rnexxielu jipprova l-allegazzjoni principali tieghu li l-kawza ta' dan kollu kien l-impjieg tieghu;

20. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, li l-intimati pprovdew l-ilbies protettiv necessarju ghax-xoghol in dizamina;

Ikkunsidrat:

21. Illi aktar min hekk, meta r-rikorrenti kien qed isostni mat-tobba li kien qed imur ghandhom ghall-kura u biex jinducihom jirrilaxxawlu certifikat ta' dizabilita` permanenti, fl-istess hin kien qed jezercita ruhha b'mod impressjonanti fuq il-bahar ghal granet shah;

**DECIDE:**

22.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

22.1. Filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

22.2. Takkolji t-talbiet kollha ta' l-intimati *proprio et nomine*;

22.3. Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura kontra r-rikorrenti Simon Despott.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------